

Brussell, 12 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14123/23

SOC 677
EMPL 481
GENDER 188

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Ħatra tas-Sa Roxana MALITI, membru għas-Slovakkja, minflok is-Sur Marián LIZANEC, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għie infurmat bir-riżenja tas-Sur Marián LIZANEC, bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għas-Slovakkja).
2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006¹ jipprevedi, fost oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar tmintax-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perjodu ta' tliet snin. Il-membri maħtura u l-membri supplenti jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenza b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.
3. Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022², il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

¹ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

² ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

4. Il-Gvern tas-Slovakkja ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tiegħu post il-membri li rriżenja, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025:

Is-Sa Roxana MALITI
Principal State Advisor
Department of Equality of Women and Men and Equality of Opportunities
Ministry of Labour, Social Affairs and Family of the Slovak Republic
Špitálska 4, 6, 8
816 43 Bratislava, Slovak Republic
Tel.: + 421 2 2046 1030
Indirizz elettroniku: roxana.maliti@employment.gov.sk

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar is-sostituzzjoni ta' membru
tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew
għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi³, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022⁴ il-Kunsill ħatar, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Marián LIZANEC sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-Gvern tas-Slovakkja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

⁴ ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

Artikolu 1

Is-Sa Roxana MALITI hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sur Marián LIZANEC għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President
